Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2895

21.11.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2895

tal-20 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 fir-rigward tal-*Listeria monocytogenes*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 ([2]) jistipula l-kriterji mikrobijoloġiċi għal ċerti mikroorganiżmi u r-regoli ta' implimentazzjoni li jridu jikkonformaw magħhom l-operaturi tan-negozji tal-ikel fir-rigward tar-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi tal-iġjene msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(2) B'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jistabbilixxi l-kriterji tas-sikurezza tal-ikel li jiddefinixxu l-aċċettabbiltà ta' prodott jew ta' lott ta' oġġetti tal-ikel, li japplikaw għall-prodotti mqiegħda fis-suq. Dak ir-Regolament jipprevedi l-kriterji tas-sikurezza tal-ikel għal *Listeria monocytogenes*, li hija patoġenu ewlieni li jinġarr mill-ikel u li jippreżenta riskju serju għas-saħħa pubblika minħabba r-rata għolja ta' fatalitajiet tiegħu. Fl-aħħar rapport tagħha dwar iż-żoonożi ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") osservat li fl-2022 l-għadd ta' każijiet ta' listerjożi fil-bnedmin fl-Unjoni kien 15,9 % ogħla milli kien fl-2021 u li fl-2022 l-għadd ta' mwiet minn tifqigħat li jinġarru mill-ikel u kkawżati minn *Listeria monocytogenes* fl-Unjoni kien wieħed mill-ogħla numri li qatt ġew irrappurtati lill-Awtorità f'dawn l-aħħar għaxar snin. Fid-dawl ta' din iż-żieda fil-każijiet tal-listerjożi fl-Unjoni, huwa kruċjali li l-kriterji tas-sikurezza tal-ikel għal *Listeria monocytogenes* jistgħu joffru livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi tul il-katina alimentari kollha.

(3) Ir-riskju li l-listerjożi tittieħed mill-ikel jiddependi kemm mis-suxxettibbiltà individwali tal-konsumatur kif ukoll minn kemm l-ikel ikkontaminat isostni t-tkabbir ta' *Listeria monocytogenes* sa livelli għoljin. It-trabi u l-konsumaturi bid-difiżi immunitarji dgħajfa minħabba mard, disturbi jew kundizzjonijiet mediċi huma suxxettibbli ħafna għal *Listeria monocytogenes* u ma jistgħux jiġu esposti għal ikel li fih dan il-patoġenu fi kwalunkwe konċentrazzjoni. Għal konsumaturi oħra, huwa xjentifikament rikonoxxut li hija potenzjalment ta' ħsara għas-saħħa biss l-inġestjoni ta' ikel li jkun fih konċentrazzjoni ta' *Listeria monocytogenes* li taqbeż il-limitu ta' 100 cfu/g. Għalhekk, ikel lest biex jittiekel, għajr dak maħsub għat-trabi u għal skopijiet mediċi speċjali, li jista' jsostni t-tkabbir ta' *Listeria monocytogenes* lil hinn mil-limitu ta' 100 cfu/g matul il-ħajja tal-ħżin tiegħu, jirrappreżenta grupp sensittiv ta' prodotti tal-ikel li fuqu jenħtieġ jiġu ffukati l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju.

(4) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005, ma għandhiex tiġi individwata l-preżenza ta' *Listeria monocytogenes* f'25 g ta' ikel lest biex jittiekel li jkun kapaċi jsostni t-tkabbir ta' *Listeria monocytogenes*, għajr dak maħsub għat-trabi u għal skopijiet mediċi speċjali, qabel ma jkunu telqu mill-kontroll immedjat tal-operatur ta' negozju tal-ikel meta dak l-operatur ta' negozju tal-ikel ma jkunx jista' juri, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, li l-livell ta' *Listeria monocytogenes* mhuwiex se jaqbeż il-limitu ta' 100 CFU/g tul il-ħajja tal-ħżin tal-oġġetti tal-ikel ikkonċernati. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 ma jipprevedix kriterju li japplika għal dawk l-oġġetti tal-ikel ladarba jkunu telqu mill-kontroll immedjat tal-operatur tan-negozju tal-ikel li jkun qed jipproduċihom, filwaqt li għadu mhux possibbli li jiġi żgurat li l-limitu ta' 100 cfu/g ma jinqabiżx matul il-ħajja tal-ħżin tagħhom.

(5) Sabiex jiġi ggarantit l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika mill-produzzjoni sad-distribuzzjoni għal ikel lest biex jittiekel għajr dak maħsub għat-trabi u għal skopijiet mediċi speċjali li jistgħu jsostnu t-tkabbir ta' *Listeria monocytogenes*, il-kriterju tas-sikurezza tal-ikel "*Listeria monocytogenes* mhux individwat f'25 g" jenħtieġ li japplika għas-sitwazzjonijiet kollha fejn dawk l-oġġetti tal-ikel jitqiegħdu fis-suq matul il-ħajja tal-ħżin tagħhom u li għalihom l-operatur tan-negozju tal-ikel li jipproduċihom ma setax juri, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li l-livell ta' *Listeria monocytogenes* mhux se jaqbeż il-limitu ta' 100 cfu/g matul il-ħajja tal-ħżin tagħhom.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1., ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/852/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/2073/oj).
([3]) https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8442.

(6) Sabiex l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikollhom biżżejjed żmien biex jadattaw il-prattiki u l-proċeduri tagħhom għar-rekwiżit il-ġdid, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika qabel l-1 ta' Lulju 2026.

(7) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2073/2005, il-Kapitolu 1 (Kriterji tas-sikurezza tal-ikel) huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata 1.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

Kategorija tal-ikel	Mikroorganiżmi/ it-tossini tagħhom, metaboliti	Pjan ta' kampjunar		Limiti		Metodu analitiku ta' referenza	Stadju fejn japplika l-kriterju
		n	c	m	M		
"1.2 Ikel lest biex jittiekel li kapaċi jsostni t-tkabbir ta' *L. monocytogenes*, għajr dak maħsub għat-trabi u għal skopijiet mediċi speċjali	*Listeria monocytogenes*	5	0	100 cfu/g (*)		EN/ISO 11290-2 (**)	Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-ħajja tal-ħżin tagħhom
		5	0	Mhux individwat f'25 g (***)		EN/ISO 11290-1	Prodotti mqiegħda fis-suq matul il-ħajja tal-ħżin tagħhom

(*) Dan il-kriterju għandu japplika jekk l-operatur tan-negozju tal-ikel tal-produzzjoni ikun kapaċi juri, b'mod li jissodisfa l-awtorità kompetenti, li l-livell ta' L. monocytogenes mhux se jaqbeż il-limitu ta' 100 cfu/g matul il-ħajja tal-ħżin tal-ikel. L-operatur jista' jistabbilixxi limiti intermedji matul il-proċess li għandhom ikunu baxxi biżżejjed sabiex jiggarantixxu li l-limitu ta' 100 cfu/g ma jinqabiżx fi tmiem il-ħajja tal-ħżin tal-ikel.

(**) 1 ml ta' inokulu jitqiegħed fuq dixx Petri b'dijametru ta' 140 mm jew fuq tliet dixxijiet Petri b'dijametru ta' 90 mm.

(***) Dan il-kriterju għandu japplika fejn l-operatur tan-negozju tal-ikel tal-produzzjoni ma kienx kapaċi juri, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li l-livell ta' L. monocytogenes mhux se jaqbeż il-limitu ta' 100 cfu/g matul il-ħajja tal-ħżin tal-ikel.";

(2) fin-noti dwar l-interpretazzjoni tar-riżultati, l-entrata "*L. monocytogenes* f'ikel lest biex jittiekel li kapaċi jsostni t-tkabbir ta' *L. monocytogenes* qabel ma l-ikel iħalli l-kontroll immedjat tal-operatur fis-settur tal-ikel li qed jipproduċi meta dan mhux kapaċi juri li l-prodott mhux se jaqbeż il-limitu ta' 100 cfu/g matul il-perjodu ta' konservabilità:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jindikaw l-assenza tal-batterju,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tal-batterju tiġi individwata f'wieħed mill-unitajiet kampjuni."

hija sostitwita b'dan li ġej:

"*L. monocytogenes* f'ikel lest biex jittiekel li kapaċi jsostni t-tkabbir ta' *L. monocytogenes*, jekk l-operatur tan-negozju tal-ikel tal-produzzjoni ma kienx kapaċi juri, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li l-livell ta' *L. monocytogenes* mhux se jaqbeż il-limitu ta' 100 cfu/g matul il-ħajja tal-ħżin tal-ikel:

— sodisfaċenti, jekk il-valuri kollha osservati jindikaw li l-batterju mhu individwat f'ebda wieħed mill-unitajiet tal-kampjuni,

— mhux sodisfaċenti, jekk il-preżenza tal-batterju tiġi individwata fi kwalunkwe wieħed mill-unitajiet tal-kampjuni."